MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 820/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**

**Audrey-Josephine Ghahes (ID138674M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' April, 2005, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u erbgha u sebghin lira Maltija u seba' centezmi (Lm374.07), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21806613 (CN1002512 a/c10039657) .**
**Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**
**Bl-imghax u bl-ispejjez.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-16 ta' Mejju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma deheritx u lanqas ma pprezentat risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u sebghin lira Maltija u seba' centezmi (Lm374.07) bl-imghax legali mill-24 ta' April, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------